MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2006

Rikors Numru. 111/2001/1

Rikors Nru: 111/2001

Blue Salt Limited

vs

Carmelo Busuttil

Il-Bord,

Ra r-rikors tas-socjeta' rikorrenti pprezentat fis-17 ta' Dicembru, 2001 fejn esponiet:

Illi s-socjeta' esponenti tikri lill-intimat il-fond 13, St George's Street, Zurrieq, bl-art annessa mieghu versu l-kera ta' tnax-il lira Maltija (Lm12) fis-sena, tithallas kull sena b'lura, l-ahhar skadenza fl-1 ta' Lulju, 2001.

Illi l-intimat kiser il-kondizzjonijiet lokatizji billi ghal bosta snin ghamel non uzu ta' dan il-fond.

Illi in oltre l-istess intimat ghamel bosta xogholijiet strutturali fil-fond biex jadattah ghall-abitazzjoni wara li biegh il-fond proprju tieghu, liema xogholijiet saru minghajr il-kunsens tas-sidien u l-permess tal-Awtorita' kompetenti.

Ghaldaqstant is-socjeta' esponenti titlob bir-rispett sabiex ghar-ragunijiet premessi dan il-Bord joghgbu jawtorizzaha tirriprendi pussess tal-fond de quo u dan fi zmien qasir u perentorju li joghgbu jiffissa ghal dan l-iskop.

Bl-ispejjez.

Ra r-risposta pprezentata mill-intimat Carmelo Busuttil fil-11 ta' Jannar, 2002 fejn espona:

1. Illi huwa qatt ma gie nfurmat illi l-proprjeta' ghaddiet ghand is-sidien ta' qabel ghand Blue Salt Ltd illi ghandhom jippruvaw l-akkwist taghhom.

2. Illi huwa jichad li ma ghamilx uzu tal-fond u sahansitra ghandu kera accetta ghas-sena 2000.

3. Illi llum din hija d-dar residenzjali tieghu.

4. Illi ma saru l-ebda xogholijiet strutturali fil-fond illi b'xi mod jilletu lis-sid u x-xogholijiet huma ta' tali entita' li gabu l-post il' quddiem u xejn ma sar kontra l-permessi tal-Awtorita' kompetenti.

Ghalhekk it-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ra d-digriet tieghu li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Frederick Valentino u l-AIC John Sciberras.

Ra r-relazzjoni ta’ l-imsemmija periti (fol 115-117) bi pjanta maghha.

Ikkunsidra:

*1.* Is-socjeta’ rikorrenti xtrat il-fond permess ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef fl-4 ta’ Settembru 2001. Gie dikjarat li l-fond *“gewwa z-Zurrieq, fi Triq San Gorg, in-Nigret, kantuniera ma’ Triq San Luqa, bla isem u bin-numru ufficjali seba’ (7) gewwa l-imsemmija Triq San Gorg, inkluz l-arja tieghu, u l-art illi hemm annessa mieghu ta’ cikra tomna, ekwivalenti ghall-elf mija u erbgha u ghoxrin metri kwadri (1124m.k.) jew kwalunkwe kejl iehor verjuri, liema art hija maghrufa bhala ‘Ta’ Parsotta’ sive ‘Tal-Kaptan’ liberu u frank bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu*” kien okkupat minn terzi b’titolu ta’ kera u *“l-imsemmija art m’hix esproprjata mill-Gvern jew xi entita’ tieghu, u lanqas hemm l-intenzjoni li tigi esproprjata mill-Gvern jew xi entita’ tieghu”.*

2. Parti mill-fond giet esproprjata mill-Gvern fid-9 ta’ Mejju 1989 u parti mill-fond giet dikjarata li ma kienetx mehtiega fit-13 ta’ April, 2005, ferm wara l-prezentata tar-rikors. Sehh bdil fin-numri fiz-Zurrieq fit-23 ta’ Lulju, 2004.

3. Mix-xhieda u mid-dokumenti minn naha tas-socjeta’ rikorrenti jirrizulta:

I. Ghall-korporazzjoni tas-Servizz ta’ l-Ilma, qabel Awissu 2001 fuq il-fond kienet registrata Angela Busuttil (oht l-intimat). Fl-10 ta’ Awissu 2001 ghas-sussidju fuq il-post kienu registrati l-intimat, martu u bintu. F’dak il-jum dawn inqatghu minn fuq il-fond ‘Santa Rita’, Triq Tragance, Hal Luqa. Kien ilhom hemm mill-habta tal-1996. (din id-data tirreferi biss ghas-sussidju).

II. Fit-8 ta’ Jannar 2001 l-intimat mela u ffirma formola ghall-Kummissarju Elettorali li dan kien joqghod f’numru 7, Triq San Gorg, iz-Zurrieq. Skond ir-rapprezentant tal-Kummissarju Elettorali (l-intimat) minn April, 1987 sa Ottubru 2000 kien joqghod St Rita, Triq Trigance, Hal Luqa u minn April 2001 ‘l quddiem, beda

joqghod f'7 Triq San Gorg, iz-Zurrieq". Dan dejjem skond dokumenti ufficjali.

III. Fir-Registru Elettorali t'April 1991 fuq il-fond in kwistjoni tidher biss Angela Busuttil (Carmelo Busuttil li jidher fuq in-numru 16 mhux l-intimat – qabbel numri tal-karti ta' l-gharfien). F'Ottubru 1990 fi Triq Dun Guzepp Zammit iz-Zurrieq f'St Joseph' jidhru Angela u Francesca Busuttil.

4. L-intimat esebixxa dikjarazzjoni tat-23 ta' Mejju 1989 fejn hutu cedewlu l-kirja tal-fond iz-Zurrieq wara li miet missierhom fit-2 ta' Frar 1989. Esebixxa wkoll ricevuti tal-kera li saru fuqu mill-1990 sal-21 ta' Gunju 2000. Qabel il-kera kienet fuq il-missier. L-intimat u martu jghidu li l-karta ta' l-gharfien giet mibdula minn fuq Hal Luqa ghal fuq iz-Zurrieq fil-bidu ta' Jannar 2001. Id-dokumenti dwar ic-cessjoni tal-kirja jiftakru ix-xhud Anthony Tabone li f'dak iz-zmien zied il-kera.

5. Is-socjeta' rikorrenti qed tallega ksur ta' kondizzjonijiet tal-kirja mhabba 'non uso':

"ma hemmx ghalfejn jigi wisq sottolineat illi l-prova tal-bdil tad-destinazzjoni, allegatament maghmula mill-inkwilin (inkluz allura t-tibdil li jirrizulta minn non uso) trid issir mis-sidien ghax kienu huma li kienu qed jallegawha. Din il-prova necessarjament timponi: (1) kontestazzjoni certa illi l-fond inkera ghal certa determinata destinazzjoni ..... (2)illi l-inkwilin fil-kors tal-kirja, biddel dik id-destinazzjoni billi beda juza l-fond ghal skop divers, minn dak li ghalih kien miftiehem li kellu jintuza, dana fil-parti principali tieghu u (3) li, jekk dan sehh, dan ma kienx gara bl-akkwinixxenza u l-kunsens espress jew tacitu tas-sidien" ('Boffa vs Borg' Appell 10 ta' Jannar, 2000).

"Jigi qabel xejn rilevat illi n-'non uzu' u l-'uzu divers' huma zewg koncetti kontradistinti minn xulxin, anke jekk jigi koncess illi xi kultant intqal ukoll li dawn jikkavallaw wahda fuq l-ohra. Dan fis-sens illi 'non uzu' gie ekwiparat ghall-'uzu divers'. ('Rocco Caruana et vs Albert Cauchi', Appell 6 ta' Dicembru 1968).

Fil-kaz ta’ ‘non uzu’ ghandek is-sitwazzjoni fejn il-fond mikri jinzamm, bla ebda gustifikazzjoni maghluq u inutilizzat ghall-perijodu apprezzabbli ta’ zmien (‘Elena Magri et vs Andrea Piscopo’, Appell 12 ta’ Mejju 1950) jew jekk isir xi uzu minnu, dan isir sporadikament u ghall-perijodi qosra (‘Pullicino vs Briffa’, Appell 18 ta’ Gunju 1983,
‘Josephine Smeets vs Evelyn Spiteri’, Appell 20 ta’ Ottubru, 1997.

Invece fil-kaz ta’ ‘uzu divers’ il-kerrej ikun znatura d-destinazzjoni li kienet issir qabel mill-fond u b’hekk abbuza mill-godiment tieghu. Ad exemplum, minn garage ghall-karozza jaghmlu store (‘Emanuel Mifsud vs Philip Cassar’, Appell 31 ta’ Mejju 1996 jew minn ‘furnished flat’ jaghmlu ufficju (“Gemma Saliba vs Mario Schembri”, Appell 3 ta’ Dicembru 1999) - “Zammit Tabona et vs Walker et”.

6. Anthony Tabone li kien jiehu hsieb il-fond qabel ma dan inbiegh stqarr (57-69) li

*“Meta ddecidejna li dina l-bicca art inbieghuha, kont mort fuqha din il-bicca u sibt li mat-tlett ikmamar li kienu ezistenti, min kien l-inkwilin tal-art biss..... kien qed izid xi kmamar fuq in-naha ta’ wara”.*

Izid:

“*Jiena sa fejn naf min kien qed jaghmlu uzu mill-art, min kien qed jahdem l-art ma kienx qed ighix fihom, sa fejn naf jien. Kien qed ighix band’ohra. Kien qed ighix Hal Luqa”.*

Wara fisser li:

*“L-art kienet.... kultivata fis-sens li l-hamrija kienet ikkultivata, pero’ l-kmamar kienu qed jinbnew fuq wara. Dawn kienu zewgt ikmamar u loft..... minn kien jikri kien juzahhom biex izomm l-ghasafar, mhux ghalih, talli missieru lanqas kien joqghod hemmhekk, ghax hu kien hadha, ahna mhux hekk mal-bdiewa, il-bdiewa jghidu*

*jiena t-tifel tal-bidwi, missieri halliena, nixtieq inkomplu naghmlu uzu minnha...."* .

Kellu fejn icempel lill-intimat fuq Hal Luqa. Esebixxa lista elettorali tal-2000 fejn hemm l-ismijiet ta' martu u l-intimat jidhru fuq Hal Luqa.

7. Fin-nota ta' sottomissjonijiet is-socjeta' rikorrenti sahqet li:

il-versjoni moghtija mix-xhud Anthony Tabone u cioe' li sal-2001 l-fond ma kienx uzat bhala abitazzjoni/residenza.

8. L-intimat jaghti l-versjoni tieghu dwar il-karta ta' gharfien tieghu u ta' martu jew ahjar in-nuqqas ta' bdil taghha f'certu zmien. Isostni li:

*"Dan il-post..... dejjem uzajtu bhala abitazzjoni mill-1989 'l quddiem u ghadni nuzah illum kif ukoll kif ghidt, kienet tuzah ohti Angolina Busuttil*".

Hadd mill-partijiet ma tellaghha tixhed (Angolina Busuttil) u x-xhieda taghha kienet zgur ticcara ftit x'gara jew ma garax.

9. Bhala xhieda l-intimat ressaq lil:

I. Philip Caruana li jghid li "il-gardina li ghandu mal-post dejjem hadimha sena wara sena u jiena kont immur bil-hart fiha u ghadni sa llum naghmlu dan ix-xoghol bi pjacir" (fol 40).

In kontro ezami jghid li missieru l-intimat:

*"kien joqghod f'dan il-post, mhux joqghod....... dejjem hemmhekk, gurnata wara gurnata u jiena kont immur u hu kellu dik il-bicca gardina...... kellu kamra ta' l-ghasafar jew xi haga dak iz-zmien".*

I. Jaf li l-intimat kien joqghod Hal Luqa, izzewweg Hal Luqa u joqghod Hal Luqa. *"Il-post ta' Hal Luqa nbiegh".* Fl-

istess hin ighid li l-intimat *“ghamel zmien twil ighix gol-fond iz-Zurrieq*”. (fol 64-70).

II. Martu kkolloborat ix-xhieda tieghu u tghid li ilhom mizzewwgin ‘ghal dawn l-ahhar 35sena’ (affidavit 20 ta’ Jannar 2004).

III. It-tabib Dottor Raymond Sacco stqarr li l-intimat kien klijent tieghu ‘ghal dawn l-ahhar tnax-il sena’ (fis-sena 2002) kien imur jara lill-intimat fil-fond iz-Zurrieq fejn kien jara ukoll lil Angela Busuttil. Ghalih l-intimat kien residenti z-Zurrieq.

IV. Giovanna Schembri tiftakar fil-fond in-nannu u z-ziju ta’ l-intimat. Wara l-mewt ta’ missieru l-intimat baqa’ fil-fond.

Izzid:

*“Jiena naf ukoll illi l-mara ta’ Karmnu, Josephine ghal xi zmien ma kienetx toqghod mieghu z-Zurrieq pero’ hu baqa’ joqghod hemmhekk....... Il-post naf li kien joqghod hemmhekk..... Il-post naf li kien joqghod u jqum fih”.*

10. Ir-rikorrenti qed jallegaw fir-rikors ksur ta’ kondizzjonijiet tal-kirja marbuta ghal kollox ma’ ‘non uso’ tal-fond. Skond is-socjeta’ rikorrenti (ara xhieda ta’ Tabone) il-post mhux dar fejn wiehed ighammar imma art fejn sar xi bini b’abbuz minn naha ta’ l-intimat biex imur joqghod f’li bena. Minn naha l-ohra s-socjeta’ rikorrenti ghamlet li setghet biex tipprova li l-intimat ma kienx joqghod fil-fond fejn qed isostni hu u xhieda ohra. Il-Bord ma jifhimx jekk is-socjeta’ rikorrenti meta tuza l-kliem ‘non uso’ hijiex qed tghid li l-fond huwa bicca art mikrija lill-bidwi (ara xhieda ta’ Tabone) jew dar li mhux tintuza. Is-socjeta’ rikorrenti jidher li ma kienet taf xejn dwar il-fond li qed tixtri. Ad exemplum lanqas giet mgharrfa meta sar il-kuntratt li parti mill-fond kien esproprijat (il-kuntratt ta’ bejgh/.... xiri fih dikjarazzjoni li mhix veritiera) u ghalhekk meta ghamlet ir-rikors lanqas kellha l-pussess tieghu, haga li ssewwiet waqt il-proceduri b’pubblikazzjoni fil-

Gazzetta tal-Gvern. Ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti zdiedet kawzali ohra.

*'biddel l-uzu li ghalih gie mikri l-fond'.*

Il-Bord, seduta stante staqsa lill-avukati tal-partijiet dwar din 'iz-zieda' billi ma kienetx mnizzla fil-process. Gie dikjarat li ma kien hemm ebda zieda.

Fil-kuntest hi bla tifsira s-sottomissjoni fil-para 5(ara fuq)

*"il-verzjoni moghtija mix-xhud Anthony Tabone u cioe' li sal-2001, l-fond ma kienx uzat bhala abitazzjoni/residenza tinstab ikkorroborta minn provi oggettivi u univoci".*

11. Ukoll fin-nota ta' l-intimat kif hi ridotta turi l-ambigwita' li tohrog mill-proceduri. Is-socjeta' rikorrenti ma tafx hafna dwar il-fond. Il-kirja hija wahda, jithallas kera wahda u l-intimat hu kerrej ta' kollox.

12. Il-Bord wasal ghall-konkluzzjoni li l-kawzali ta' 'non uso' ma gietx pruvata mis-socjeta' rikorrenti u t-talba mibnija fuqha qed tigi michuda.
13. It-tieni kawzali tas-socjeta' rikorrenti:

*"l-intimat ghamel bosta xogholijiet strutturali fil-fond biex jadattah ghall-abitazzjoni wara li biegh il-fond proprju tieghu, liema xogholijiet saru minghajr il-kunsens tas-sidien u l-permess ta' l-Awtorita' kompetenti*".

14. Hawnhekk hawn kirja wahda u hawn rabta ta' sid u kerrej bejn is-socjeta' rikorrenti u l-intimat. Tabone jghid li meta hu u l-familja ddecidew li jbieghu l-art kien hemm "tlett ikmamar li kienu ezistenti ...... u (l-intimat*) "kien qed izid xi kamra fuq in-naha ta' wara".* Skond hu missier Busuttil ma kienx joqghod fil-fond. Il-Bord jifhem li Tabone qed ighid li kien hemm tlett kmamar li diga' kienu hemm. Barra dan l-intimat kien qed izid.

15. L-intimat ighid:

"*Rigward xogholijiet li qed jinghad li saru jien qed nesebixxi stampa ta' pubblikazzjonijiet tal-ghaqda muzikali tal-Karmnu Zurrieq tal-1999 fejn wara l-hajt li fih l-istatwa tal-Madonna jidhru l-kmamar u d-dielja li hemm imxebilka. Il-kmamar jidhru li huma ta' gebel qadim u kien dan l-ahhar li jien irrangajthom billi braxthom u gibthom gebla bajdanija".*

Giet esebita kopja tal-Gazzetta tal-Gvern tal-1989 fejn giet esproprijata:

"Parti mill-fond Nru 7, Triq San Gorg, tal-kejl ta' 219 metru kwadru li tmiss mill-Majjistral ma' proprjeta' tas-Sur Joseph Busuttil, mill-Punent u mix-Xlokk ma' triq pubblika.

Il-parti msemmija tikkonsisti fi:

I. f'livell ta' pjan terran: parapett, 5 ikmamar, parti minn kamra ohra, kamrin u parti minn gnien;
II. f'livell ta' l-ewwel sular: kamra wahda: u
III. l-arja ta' dawn il-kumditajiet kollha" (fol 135).

Fl-2005 l-art inghatat lura:

I. Parti mill-fond numru 7, fi Triq San Gorg, tal-kejl ta' madwar 219-il metru kwadru, li tmiss mill-majjistral ma' proprjeta' tas-Sur Joseph Busuttil, mill-Punent u mix-Xlokk ma' triq pubblika" (fol 80).

16. Ighid ukoll:

*"L-unika haga li hemm hi l-gebel qadim invjajtu u ghalhekk jidher gebel gdid pero' filfatt huwa qadim" (fol 127).*

17. Philip Caruana dwar il-bini jghid:

*"ghadu kif niftakru meta kont ghadni tifel zghir hlief ghal kamra wahda li tintuza bhala kcina li qabel kienet kamra fl-ghalqa bil-pjanci u kienu jzommu l-ghasafar ta' l-insib. Imbaghad waqqagha u ghamlu l-kmamar tal-kcina li*

*hemm illum. Dan kien ghadu haj missieru meta saru" (fol 129).*

In kontro ezami jghid li kamra saret kcina li giet mghollija zewg filati.

18. Giovanna Schembri ghamlet affidavit:

"*Jiena l-post nafu sew, fil-maggor parti tieghu huwa hekk mill-qedem pero' kien hemm parti li wara li dhalt fiha wkoll li nghidulha l-kcina fil-post taghhom li nbniet aktar minn 30 sena ilu. Fuq barra naf li saret nicca tal-Madonna u hadmu fiha diversi nies imma fuq art tal-Gvern u rieduha l-Kunsill" (fol 130).*

19. Il-bniedem li wettaq ix-xoghol fil-1973/74 Carmelo Chircop jistqarr:

*"Missieru Carmelo Busuttil ............ talabni li naghmillu saqaf ghall-kamra li giet mibnija fil-post fejn kien joqghod hu. Kien fiha madwar 11-il pied wisgha u 16 twila.*

*Il-kamra kienet mibnija imma ghollejniha tlett filati ohra. Kienet ukoll minghajr saqaf. Jien ghamilt ix-xoghol kollu. Il-post li qed insemmi huwa fejn joqghod Carmelo Busuttil"(fol 62).*

20. Mart l-intimat fissret il-bdil li sar hekk:

*"Meta rrangajna flimkien biddilna l-madum li kont ghazilt jien, irrangajna xi kmamar u ghamilt shower u rrangajna fejn kien hemm xi hsarat. Kien hemm bibien imsewsin u biddilnihom"(fol 135).*

21. Meta tinghasar din ix-xhieda jirrizulta li kien hemm xi strutturi mibnija minn missier l-intimat li seta' kien joqghod fil-fond. Oht l-intimat kienet toqghod hemm qabel ma huwa ingabar fil-fond u ghamel bidla shiha.

22. Il-periti mqabbda mill-Bord jaghlqu r-rapport taghhom hekk:

a. Il-kostruzzjoni ‘ab initio’ kienet tikkonsisti fi 3 ambjenti u ghalqa.

b. Ma dawn il-kmamar originali zdiedu bini ta’ intrata, kurridur, ambjent adebit bhala kcina u guva kbira ghat-trobbija ta’ l-ghasafar ta’ l-ghanja.

c. Il-binja ‘l-antika’ kif ukoll dik estiza bhala l-parti l-‘gdida’ gew adebiti bhala dar ta’ abitazzjoni, b’paviment tac-ceramika, aperturi ta’ l-aluminium lewn id-deheb.

d. Jirrizulta li parti sostanzjali mill-ghalqa ‘originali’ giet segregata mir-rimanenti b’cint gholi ta’ 4 filati, u pavimentata bil-konkos biex isservi bhala bitha retroposta u art/paviment ghall-gewwa ta’ l-ghasafar.

e. Fil-kaz tar-rimanenza (sic) ta’ l-ghalqa originali dina qed isservi u tigi kultivata bhala gardina. Ghalhekk l-esponenti ma jistghux jikkonkludu illi l-kambjamenti deskritti hawn fuq li saru mill-istess intimat/inkwilin jammnontaw ghall-hsarat strutturali u konsiderevoli fis-sens strett li tirrikjedi l-ligi ma jistghux ma jirrilevawx illi dawn il-kambjamenti zgur li ghandhom inpatt qawwi fuq il-valur tas-suq ta’ l-istess proprjeta’ specjalment meta wiehed iqis il-fatt tal-valur finanzjarju li qieghed jigi abbinat ma’ strutturi b’karatteristici antiki u ta’ karattru vernikulari, esistenti fil-bliet u fl-irhula taghna” (fol 116).

23. In linea ta’ principju generali, u skond gurisprudenza kostanti fuq it-taghlim tal-Laurent (Vol XXV para 253) huwa accettat b’interpretazzjoni ta’ l-artikolu 1564(1) precitat, illi avolja ma jottjenix il-permess tas-sid, il-kerrej jista’ jaghmel tibdiliet jew innovazzjonijiet, anke strutturali fil-fond lokatizju, basta li dawn ikunu parzjali u mhux ta’ mportanza kbira, ma jbiddlux id-destinazzjoni tal-lokazzjoni, li jkunu ta’ beneficcju ghall-kerrej, ma jippregudikawx id-drittijiet tal-proprjetarji u jistghu jitnehhew, jekk ikun il-kaz, fit-tmiem tal-kirja. (Vol XXV- 1-206, Vol XXXVII-1-156). Ezami tal-bosta sentenzi fuq is-suggett jidher li jhalli d-definizzjoni ta’ x’inhu ‘parzjali’ fid-deskrizzjoni tal-gudikant u dipendenti mill-fattispecie tal-kaz singolu li jkun qed jigi determinat u deciz. L-

interpretazzjoni moghtija tidher li hi wahda larga, tant li hi difficli li wiehed ighid liema xogholijiet strutturali huma ezenti mill-kunsens tas-sid. Kif inghad *"il-gurisprudenza in effetti tiddetermina biss il-parametri li fihom l-inkwilin seta' jassigura t-tgawdija shiha tal-fond lilu lokat skond id-destinazzjoni tal-kirja, u hu ghalhekk li f'dawn il-parametri l-gurisprudenza tqis li certi xogholijiet ma jirrikjedux il-kunsens tas-sid"* ('Agius pro et noe vs Mifsud', Appell 20 ta' Novembru, 1998; 'Grech et vs Muscat noe' Appell 10 ta' Ottubru, 2003.)

24. Barra hekk:

I. It-tibdiliet strutturali ma jridux jikkagunaw hsarat fil-fond ('Azzopardi vs Spiteri', Appell 2 ta' Novembru 1998)

II. Dawk it-tibdiliet ikunu ghall-ahjar tgawdija tal-kerrej u jimmeljoraw il-fond (Vol XXVIII-3-937, Vol XLVII-1-264)

III. Ma jridux ikunu ta' xi gravita' apprezzabbli u proporzjonata ('Magro vs Mizzi', Appell 22 ta' Jannar 1971).

IV. Ir-rilevanza ta' nuqqas ta' permessi mill-awtoritajiet kompetenti biex ikopru x-xogholijiet esegwiti mill-inkwilin setghu jkunu rilevanti biss f'dawk il-kazijiet fejn tali xogholijiet ikunu saru minghajr il-kunsens espress jew tacitu tas-sid u fejn ix-xogholijiet ikunu ta' pregudizzju ghall-fond. ('Spiteri et vs Smeets Appell 5 ta' Ottbru,2001 – f'dan il-kaz il-kunsens kien hemm u gie moghti u kien hemm ftehim bil-miktub).

V. Ir-rikorrent irid jipprova li saret hsara *"u din il-prova kellha ssir indipendentement minn rizultanzi tal-perizja teknika"* ('Bugeja et vs Mercieca et', Appell 3 ta' Dicembru, 1999).

25. Jirrizulta li missier l-intimat kien ghamel xi kostruzzjonijiet fil-fond. Ghalhekk il-periti jsemmu l-gdid u l-qadim. L-intimat mhux qed ighid is-sewwa meta jsemmi biss l-invjar tal-parti l-qadima. Ghamel f'xi zmien tibdil strutturali u zied bini li ma kien hemm. Anthony Tabone li martu kienet wahda mill-proprjetarji ta' l-art qabel din inbieghet lis-socjeta' rikorrenti kien jaf x'qed jigri mill-bidu nett u m'ghamel xejn. Baqa' jiehu l-kera qisu ma qed jigri

xejn. Ix-xhieda tieghu diga' giet riprodotta fuq. Jista' jkun li bhala ntimat ried jixtri ghal bintu. Meta dan ma rnexxiex kollox inbiegh lis-socjeta' rikorrenti. Il-mod kif xehed u xi ftit evaziv dwar per ezempju l-kuntratt li sar mas-socjeta' rikorrenti.

26. Hawnhekk il-Bord jaghmel referenzi ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Inferjuri) in re "Calleja vs Sciortino" (per Caruana Curran, deciza fit-30 ta' Novembru 1971) u 'Micallef et vs Sullivan' (per Sciberras, deciza 22 ta' Novembru 2002).

*"Hu del resto principju komunament applikat fil-guriprudenza li jekk bniedem ikun jaf li stat ta' fatt li jintitolah jezercita' dritt u jhalli dak l-istat ta' fatt jipprogredixxi minghajr ma jagixxi ghad-dritt tieghu, allura t-titolari tad-dritt jista' jitqies fic-cirkostanzi konguwi, li jkun irrinunzja ghal prosegwiment ta' dan id-dritt".*

27. Issir referenza ghall-kuntratt tal-4 ta' Settembru 2001 fejn il-bejgh kien ta':

*"l-fond gewwa z-Zurrieq, fi Triq San Gorg, in-Nigret, kantuniera ma' Triq San Luqa, bla isem, u bin-numru ufficjali sebgha (7) gewwa l-imsemmija Triq San Gorg, inkluz l-arja tieghu, u l-art illi hemm annessa mieghu tal-kejl ta'cirka tomna, ekwivalenti ghal elf mija u erbgha u ghoxrin metri kwadri (1,124m.k.) jew kwalunkwe kejl iehor verjuri, liema art hija maghrufa bhala "Ta' Parsotta" sive Tal-Kaptan, liberu u frank bid-drittijiet u l-pertinenzi tieghu kollha, u liema fond huwa okkupat minn terzi b'titolu ta' kera" (fol 12).*

28. Kif sottomess mill-intimat hu importanti li f'dan id-dokument pubbliku jissemma fond bl-arja tieghu. Il-Bord m'ghandux jahseb li s-socjeta' rikorrenti investiet somma sewwa minghajr ma rat il-fond jew li l-bejjiegha dahku biha. Sa daqshekk waslet ghalkemm mhux fuq hwejjeg ohra (ara fuq).

29. Dan hu kaz fejn sar tibdil strutturali minghajr permess mill-awtoritajiet izda kien hemm il-kunsens tacitu tas-sidien li kienu jafu b'kollox u biegh il-fond kif kien

30. Il-periti ghandhom kull jedd li jaghtu rapport dettaljat lill-Bord li jitqieghed f'idejn il-partijiet. Izda kif diga' ntqal ir-rikorrenti jridu jgibu l-provi taghhom. Dwar il-valur tas-suq tal-fond kif imbiddel is-socjeta' rikorrenti ma gabet l-ebda provi. Il-Bord jaf il-prezz tal-bejgh biss, mill-kuntratt esebit dwar prova ta' titolu.

31. Il-Bord irid jimxi fuq il-kawzali mressqa fir-rikors u jorbothom mal-provi li jigu quddiemu.

Ghalhekk l-ewwel kawzali ghall-izgumbrament qed tigi michuda billi ma gietx pruvata. It-tieni kawzali qed tigi michuda billi kien hemm il-kunsens tacitu tas-sidien. Minhabba certi punti legali imqajjma kull parti thallas l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------